2026/2401

5.11.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2401

tad-29 ta' Ottubru 2026

li jistabbilixxi l-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom, il-klassifikazzjonijiet statistiċi, id-diżaggregazzjonijiet, u l-miri ta' preċiżjoni għas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi" skont ir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(7) tiegħu,

Billi:

(1) L-istatistika dwar l-unitajiet territorjali u s-setturi ekonomiċi jenħtieġ li tkun komparabbli internazzjonalment. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw klassifikazzjonijiet statistiċi li jkunu kompatibbli mal-klassifikazzjonijiet NUTS ([2]) u NACE ([3]).

(2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom

1. Il-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli, u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom, li jridu jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) għas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi", u l-klassifikazzjonijiet statistiċi li jridu jintużaw għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness I.

2. Il-varjabbli relatati mal-apprendisti għandhom jiġu trażmessi biss mill-Istati Membri fejn ikunu jirrappreżentaw aktar minn 1 % tal-għadd totali tal-impjegati. Il-proporzjon ta' apprendisti fl-għadd totali tal-impjegati għandu jiġi vvalutat abbażi tal-varjabbli B28 "Tip ta' kuntratt tax-xogħol", kif irrapportat permezz tal-aħħar data tas-suġġett "struttura tal-pagi" għall-unitajiet lokali kollha li jappartjenu għal intrapriża b'10 impjegati jew aktar ([4]) .

Artikolu 2

Miri ta' preċiżjoni

Il-miri ta' preċiżjoni għall-istħarriġiet statistiċi għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness II.

([1]) ĠU L, 2025/941, 20.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/941/oj.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1526 tad-29 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi l-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-klassifikazzjonijiet statistiċi u l-miri ta' preċiżjoni tagħhom għas-suġġett struttura tal-pagi skont ir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/1526, 30.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1526/oj).

Artikolu 3

Formati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu settijiet tad-data lill-Kummissjoni (Eurostat) b'format elettroniku, li jkun fihom data verifikata u editjata għalkollox skont ir-regoli tal-validazzjoni f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-varjabbli stabbilita fl-Anness I. Id-data għandha tintbagħat f'settijiet tad-data sħaħ li jkunu jkopru l-varjabbli kollha, irrispettivament mill-għadd ta' osservazzjonijiet u varjabbli riveduti.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli d-data meħtieġa lill-Kummissjoni (Eurostat) skont dan ir-Regolament bl-istandards tal-iskambju tad-data statistika speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-punt tad-dħul uniku għad-data.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

1. LISTA U DESKRIZZJONI TAL-VARJABBLI

Għandhom jiġu trażmessi tliet settijiet ta' data.

— Sett ta' data A: bid-data nazzjonali (rekord wieħed għal kull attività ekonomika tal-unità lokali fil-livelli tat-taqsima u tad-diviżjoni tal-klassifikazzjoni NACE). Għandhom jiġu pprovduti wkoll l-aggregati tan-NACE li ġejjin: It-taqsimiet NACE B sa T, B sa T minbarra P, B sa O, B sa F, G sa O, u P sa T.

— Sett ta' data B: bid-data nazzjonali skont il-klassi tad-daqs tal-intrapriża (rekord wieħed għal kull attività ekonomika tal-unità lokali fil-livelli tat-taqsima u tad-diviżjoni tal-klassifikazzjoni NACE, għal kull waħda mill-klassijiet tad-daqs tal-intrapriża li għalihom tappartjeni l-unità lokali).

— Sett ta' data C: bid-data reġjonali fil-livell NUTS 1 (rekord wieħed għal kull attività ekonomika tal-unità lokali fil-livelli tat-taqsima u tad-diviżjoni tal-klassifikazzjoni NACE għal kull wieħed mir-reġjuni).

Is-sett ta' data C ma huwiex neċessarju għal dawk il-pajjiżi fejn NUTS 1 jikkorrispondi għal-livell nazzjonali.

Għall-varjabbli elenkati hawn taħt, iridu jiġu pprovduti s-sett ta' data A biss jew it-tliet settijiet ta' data. It-trażmissjoni obbligatorja hija indikata permezz ta' "M" u t-trażmissjoni mhux obbligatorja permezz ta' "O".

Il-varjabbli kollha għandhom jinkludu l-apprendisti kif ukoll it-trainees u l-interns imħallsin.

"$M_{1\ \%}$" jindika l-varjabbli għall-apprendisti li jridu jiġu pprovduti mill-pajjiżi kif speċifikat fl-Artikolu 1(2).

Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem tal-varjabbli	Sett ta' data A	Settijiet ta' data B u C [1]
Impjegati	A1	Numru totali ta' impjegati	M	M
	A11	Impjegati full-time	M	M
	A12	Impjegati part-time	M	M
	A121	Impjegati part-time maqlubin f'ekwivalenti full-time	M	M
	A1A	Apprendisti	$M_{1\ \%}$	$M_{1\ \%}$
	A1A1	Apprendisti part-time maqlubin f'ekwivalenti full-time	$M_{1\ \%}$	$M_{1\ \%}$
Sigħat maħdumin	B1	Total ta' sigħat effettivament maħdumin fis-sena	M	M
	B11	Sigħat effettivament maħdumin minn impjegati full-time fis-sena	M	M
	B12	Sigħat effettivament maħdumin minn impjegati part-time fis-sena	M	M
	B1A	Sigħat effettivament maħdumin minn apprendisti fis-sena	$M_{1\ \%}$	$M_{1\ \%}$
Sigħat imħallsin	C1	Total ta' sigħat imħallsin fis-sena	M	
	C11	Sigħat imħallsin għall-impjegati full-time fis-sena	M	
	C12	Sigħat imħallsin għall-impjegati part-time fis-sena	M	
	C1A	Sigħat imħallsin għall-apprendisti fis-sena	$M_{1\ \%}$	

Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem tal-varjabbli	Sett ta' data A	Settijiet ta' data B u C [1]
Kostijiet lavorattivi	D1	Kumpens għall-impjegati	M	M
	D11	Pagi u salarji	M	M
	D111	Remunerazzjoni diretta, bonusijiet u allowances	M	M
	D1111	Remunerazzjoni diretta, bonusijiet u allowances imħallsin f'kull perjodu tal-ħlas	M	
	D1112	Remunerazzjoni diretta, bonusijiet u allowances mhux imħallsin f'kull perjodu tal-ħlas [2]	M	
	D112	Pagamenti fi skemi ta' tfaddil għall-impjegati	M	M
	D113	Pagamenti għal ġranet mhux maħdumin	M	M
	D114	Pagi u salarji *in natura*	M	M
	D1141	*Prodotti tal-kumpanija*	O	
	D1142	*Akkomodazzjoni għall-impjegati* [3]	O	
	D1143	*Karozzi tal-kumpanija*	O	
	D1144	*Opzjonijiet fuq l-ishma u skemi tax-xiri tal-ishma*	O	
	D1145	*Oħrajn*	O	
	D11A	Pagi u salarji tal-apprendisti	$M_{1\ \%}$	$M_{1\ \%}$
	D12	Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem	M	M
	D121	Kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem	M	M
	D1211	Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali	M	
	D1212	Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kuntrattwali u volontarji, maqbulin b'mod kollettiv, pagabbli minn min iħaddem	M	
	D122	Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem	M	M
	D1221	*Remunerazzjoni garantita f'każ ta' mard*	O	
	D1222	*Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem għall-pensjonijiet u għall-kura tas-saħħa*	O	
	D1223	*Pagamenti lil impjegati li jitilqu mill-intrapriża*	O	
	D1224	*Kontribuzzjonijiet soċjali imputati oħrajn ta' min iħaddem*	O	
	D12A	Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għall-apprendisti	$M_{1\ \%}$	$M_{1\ \%}$
	D2	Kostijiet tat-taħriġ vokazzjonali mħallsin minn min iħaddem	M	M
	D3	Infiq ieħor imħallas minn min iħaddem	M	M

Tema dettaljata	Identifikatur tal-varjabbli	Isem tal-varjabbli	Sett ta' data A	Settijiet ta' data B u C [1]
	D4	Taxxi fuq ix-xogħol imħallsin minn min iħaddem	M	M
	D5	Sussidji tax-xogħol li jirċievi min iħaddem	M	M
	D5A	Sussidji lavorattivi li jirċievi min iħaddem fir-rigward tal-impjieg ta' apprendisti	$M_{1\ \%}$	$M_{1\ \%}$
Unitajiet lokali	E1	Numru ta' unitajiet lokali fl-univers	M	M
	E2	Numru ta' unitajiet lokali fis-sett tad-data finali	M	M

([1]) Is-sett ta' data C huwa relevanti biss għal pajjiżi b'reġjuni NUTS 1.
([2]) Ħlief il-pagamenti fi skemi ta' tfaddil għall-impjegati.
([3]) Ħlief il-gratifiki għall-ġarr.

2. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

A. **Impjegati**

L-impjegati huma l-persuni kollha — irrispettivament min-nazzjonalità, mir-residenza jew miż-żmien li jkunu ħadmu fi Stat Membru — li għandhom relazzjoni diretta ta' impjieg ma' min iħaddem, stabbilita b'kuntratt formali jew bi ftehim informali, u li jirċievu remunerazzjoni, irrispettivament mit-tip ta' xogħol imwettaq, in-numru ta' sigħat maħdumin (full-time jew part-time) jew id-durata tal-kuntratt jew tal-ftehim (fiss jew indefinit, inkluż staġunali). Ir-remunerazzjoni tal-impjegati tista' tieħu l-forma ta' pagi u salarji, inklużi bonusijiet, pagament għal xogħol bl-imqieta u xogħol bix-xift, allowances, tariffi, kummissjonijiet u remunerazzjoni *in natura*.

Dan il-kunċett ta' impjegati jkopri ħaddiema manwali u mhux manwali u persunal maniġerjali fis-settur privat u f'dak pubbliku.

Il-lista li ġejja tagħti eżempji illustrattivi ta' kategoriji ta' impjegati li huma *inklużi*:

— impjegati taċ-ċivil ([1]) (anke fil-forzi armati ([2]));

— rappreżentanti kummerċjali, dment li jkunu fil-lista tal-impjegati li jirċievu l-paga u jirċievu forma oħra ta' remunerazzjoni minbarra kwalunkwe kummissjoni;

— sidien li jaħdmu u jitħallsu;

— apprendisti;

— trainees u interns imħallsin (skrivani apprendisti, infermiera studenti, assistenti tar-riċerka jew tat-tagħlim, interns fl-isptarijiet, eċċ.) li għandhom impenn formali li bih jikkontribwixxu għall-proċess tal-produzzjoni tal-unità u li jirċievu remunerazzjoni għal dan;

— ħaddiema interim jew temporanji (eż. persunal segretarjali) reklutati, impjegati u remunerati minn aġenziji tal-impiegi biex jaħdmu xi mkien ieħor, spiss għal perjodi temporanji;

— ħaddiema staġunali u okkażjonali, jekk ikollhom ftehim formali jew informali mal-intrapriża jew unità lokali u sigħat tax-xogħol predefiniti;

([1]) Din il-kategorija tinkludi lill-"impjegati taċ-ċivil u impjegati oħrajn tal-gvern li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom huma stabbiliti bid-dritt pubbliku" [ESA 2010, §11.13(b)].
([2]) "Il-membri tal-forzi armati huma dawk il-persunal li bħalissa qed iservu fil-forzi armati, inklużi s-servizzi awżiljarji, kemm jekk fuq bażi volontarja kif ukoll jekk fuq bażi obbligatorja, u li ma humiex liberi li jaċċettaw impjieg ċivili u huma soġġetti għal dixxiplina militari. Inklużi huma l-membri regolari tal-armata, tal-flotta navali, tal-forza tal-ajru u ta' servizzi militari oħrajn, kif ukoll koskritti reġistrati għat-taħriġ militari jew għal servizz ieħor għal perjodu speċifikat" (Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi - ISCO-08).

— impjegati li għalihom ikunu ġew sostnuti kostijiet lavorattivi, għax-xogħol li jkun sar matul is-sena ta' referenza, imma li temporanjament ma kinux qed jaħdmu minħabba mard jew korriment, festa jew btala, strajk jew lock-out, liv edukattiv jew għat-taħriġ, liv tal-maternità jew tal-ġenituri ([3]), attività ekonomika mnaqqsa, sospensjoni ta' xogħol minħabba temp ħażin, ħsarat fil-makkinarju, nuqqas ta' materjal, fjuwil jew enerġija, jew xi assenza temporanja oħra bil-permess jew mingħajru;

— dawk li jaħdmu barra mill-pajjiż jekk ikomplu jirċievu remunerazzjoni mingħand min iħaddem;

— ħaddiema ta' barra ([4]), inklużi l-ħaddiema bbażati d-dar u t-teleħaddiema, jekk ikun hemm ftehim espliċitu li tali ħaddiema jiġu remunerati, tal-inqas parzjalment, fuq il-bażi tax-xogħol li jagħmlu: jiġifieri, l-ammont tax-xogħol (f'sigħat effettivament maħdumin) li jingħataw bħala kontribut f'xi proċess tal-produzzjoni [Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) 2010, §11.13(g)].

Il-kategoriji li ġejjin jenħtieġ li jiġu esklużi:

— rappreżentanti kummerċjali u persuni oħrajn li jitħallsu totalment permezz ta' tariffi jew kummissjoni, li ma humiex fil-lista tal-impjegati li jirċievu l-paga, jew li jaħdmu għal rashom;

— sidien, diretturi jew maniġers li r-remunerazzjoni tagħhom ġejja kompletament minn sehem mill-profitti;

— ħaddiema tal-familja li ma humiex impjegati (kif definit hawn fuq) tal-intrapriża jew tal-unità lokali;

— ħaddiema awtonomi;

— ħaddiema ta' barra mħallsin esklużivament bir-rati tax-xogħol bl-imqieta [ESA 2010, §4.07(e)] marbutin b'kuntratt *kummerċjali* (għall-kuntrarju ta' kuntratt *tax-xogħol* formali, informali jew impliċitu);

— ħaddiema volontarji mhux imħallsin (eż. dawk li tipikament jaħdmu għal istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, bħall-istituzzjonijiet tal-karità).

A1 *Numru totali ta' impjegati*

Dan il-varjabbli jkopri l-impjegati full-time (A11) u l-impjegati part-time (A12), inklużi l-apprendisti kif ukoll it-trainees u l-interns imħallsin. L-apprendisti jiġu rreġistrati wkoll taħt il-varjabbli speċifiċi (A1A u A1A1) għall-pajjiżi kkonċernati. Il-varjabbli A1 jenħtieġ li jkun konsistenti mal-varjabbli D1 "Kumpens lill-impjegati". [ESA 2010, §11.12 sa §11.14; L-Istatistika Ewropea tan-Negozju, varjabbli 220102 ("Numru ta' impjegati")]

A11 *Impjegati full-time*

L-impjegati full-time huma dawk li s-sigħat tax-xogħol regolari tagħhom huma l-istess bħas-sigħat miftehmin kollettivament jew dawk tas-soltu maħdumin fl-intrapriża jew fl-unità lokali li tkun qed tiġi kkunsidrata, anki jekk il-kuntratt tagħhom ikun ta' inqas minn sena.

In-numru ta' impjegati li jrid jiġi rrapportat huwa l-medja ta' kull xahar tan-numru ta' impjegati full-time li jaħdmu fl-unità ta' rapportar matul is-sena ta' referenza.

([3]) L-impjegati bil-liv tal-ġenituri jenħtieġ li jiġu inklużi dment li jkun hemm mill-inqas sieġha waħda mħallsa minn min iħaddem lill-impjegat matul is-sena ta' referenza. Fil-każ ta' impjegati li jiġu sostitwiti waqt li jkunu bil-liv tal-ġenituri, jenħtieġ li wieħed jirreġistra:
a) impjegat wieħed biss fin-numru ta' impjegati, sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tad-detentur tal-impjieg u tas-sostitut tiegħu;
b) il-kostijiet lavorattivi sostnuti minn min iħaddem, kemm għad-detentur tal-impjieg kif ukoll għas-sostitut tiegħu, matul il-perjodu ta' referenza;
c) is-sigħat maħdumin / imħallsin kemm għad-detentur tal-impjieg kif ukoll għas-sostitut tiegħu.

([4]) Ħaddiem ta' barra huwa persuna li taqbel li taħdem għal intrapriża partikolari jew li tipprovdi ċerta kwantità ta' oġġetti jew servizzi lil intrapriża partikolari bi ftehim bil-quddiem jew b'kuntratt ma' dik l-intrapriża, iżda li l-post tax-xogħol tagħha ma jkunx fl-intrapriża.

A12 *Impjegati part-time*

L-impjegati part-time huma dawk li s-sigħat tax-xogħol regolari tagħhom huma inqas mis-sigħat miftehmin kollettivament jew tas-soltu maħdumin fl-intrapriża jew fl-unità lokali, kemm jekk ta' kuljum, ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar (nofs ta' nhar, tliet kwarti ta' jum, erbgħa minn ħames partijiet ta' jum, eċċ.). In-numru ta' impjegati li jrid jiġi rrapportat huwa l-medja ta' kull xahar tan-numru ta' impjegati part-time li jaħdmu fl-unità ta' rapportar matul is-sena ta' referenza.

A121 *Impjegati part-time maqlubin f'ekwivalenti full-time*

Din il-qalba trid issir direttament mill-intrapriża jew l-unità lokali li tkun qed tipprovdi d-data jew mill-aġenzija tal-ġbir / l-istitut nazzjonali tal-istatistika abbażi tan-numru normali tas-sigħat tax-xogħol tal-impjegati full-time f'dik l-intrapriża / unità lokali, bl-użu tal-metodu li jidhrilhom li jkun l-aktar wieħed xieraq. In-numru ta' impjegati li jrid jiġi rrappurtat huwa l-medja ta' kull xahar tan-numru ta' impjegati part-time (maqlubin f'ekwivalenti full-time) li jkunu impjegati fl-unità ta' rappurtar matul is-sena ta' referenza. [ESA 2010, §11.32 sa §11.34]

A1A *Apprendisti*

Dan ikopri l-impjegati kollha, full-time jew part-time, li għadhom ma jiħdux sehem b'mod sħiħ fil-proċess tal-produzzjoni u li jaħdmu b'kuntratt ta' apprendistat jew f'sitwazzjoni fejn it-taħriġ vokazzjonali jingħata aktar importanza mill-produttività. Minbarra li jaħdmu b'remunerazzjoni skont kuntratt tax-xogħol, l-apprendisti jenħtieġ li jkunu involuti wkoll fi programm ta' edukazzjoni formali li jkun iqsar minn 6 snin. Il-kuntratt ta' apprendistat jenħtieġ li jdum aktar minn 6 xhur u jalterna t-taħriġ prattiku fil-post tax-xogħol ma' edukazzjoni teoretika f'istituzzjoni edukattiva u jwassal għal kwalifika formali (ara s-siġra tad-deċiżjonijiet fl-Illustrazzjoni 1).

In-numru ta' apprendisti li jrid jiġi rrappurtat huwa l-medja ta' kull xahar tan-numru ta' apprendisti impjegati fl-unità ta' rappurtar matul is-sena ta' referenza.


A1A1 *Apprendisti part-time maqlubin f'ekwivalenti full-time*

Din il-qalba trid issir direttament mill-intrapriża jew l-unità lokali li tkun qed tipprovdi d-data jew mill-aġenzija tal-ġbir / l-istitut nazzjonali tal-istatistika, bl-użu tal-metodu li jidhrilhom li jkun l-aktar wieħed xieraq. Is-sigħat li jitqattgħu f'taħriġ fl-intrapriża / fl-unità lokali jew fi stabbilimenti edukattivi jenħtieġ li jiġu esklużi. In-numru ta' apprendisti li jrid jiġi rrappurtat huwa l-medja ta' kull xahar tan-numru ta' apprendisti part-time (maqlubin f'ekwivalenti full-time) impjegati fl-unità ta' rappurtar matul is-sena ta' referenza ([5]). [ESA 2010, §11.32 sa §11.34]

([5]) Jekk ikun preferut, il-medja tista' tiġi bbażata fuq in-numru ta' impjegati ta' kull ġimgħa (jew ta' kuljum) matul is-sena ta' referenza. Medja bbażata fuq figuri trimestrali hija ammissibbli wkoll.

Illustrazzjoni 1

Distinzjoni tal-apprendisti minn impjegati oħrajn



ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2401/oj

B. **Sigħat maħdumin**

Dan il-varjabbli jkopri n-numru totali tas-sigħat *effettivament* maħdumin mill-impjegati kollha matul is-sena (B1). It-total tas-sigħat maħdumin mill-impjegati full-time (B11) u mill-impjegati part-time (B12) jiġi rreġistrat separatament. Is-sigħat maħdumin mill-apprendisti jiġu rreġistrati wkoll taħt varjabbli speċifiku (B1A) għall-pajjiżi kkonċernati.

Is-sigħat effettivament maħdumin huma t-total tal-perjodi kollha mqattgħin fuq attivitajiet diretti u anċillari biex jiġu prodotti oġġetti u servizzi.

Is-sigħat effettivament maħdumin jinkludu:

— is-sigħat maħdumin tul il-perjodi normali tax-xogħol;

— il-perjodi tas-sahra mħallsa, jiġifieri s-sigħat maħdumin lil hinn mis-sigħat normali tax-xogħol, irrispettivament mir-rata tal-pagament fis-siegħa applikata (eż. rata ta' siegħa sagħtejn jenħtieġ li titniżżel bħala siegħa waħda);

— il-perjodi ta' sahra mhux imħallsin ([6]);

— il-ħin imqatta' fuq kompiti bħat-tħejjija tax-xogħol u tas-sit; il-preparazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija u t-tindif ta' għodda u magni; il-ħruġ ta' rċevuti u fatturi; il-kitba tal-karti tax-xogħol u ta' rapporti, eċċ.;

— il-ħin imqatta' fil-post tax-xogħol meta ma jsir l-ebda xogħol għax, pereżempju, jieqfu jew jitwaqqfu l-magni, jinqala' xi aċċident jew okkażjonalment ikun hemm nuqqas ta' xogħol, iżda li għalih jingħata pagament skont il-kuntratt tax-xogħol;

— perjodi qosra ta' mistrieħ fil-post tax-xogħol, inklużi waqfiet għat-te u għall-kafè;

— is-sigħat imqattgħin f'taħriġ fl-intrapriża / fl-unità lokali jew fi stabbilimenti edukattivi (din ma tgħoddx għall-apprendisti);

— is-sigħat imqattgħin fi vjaġġi tax-xogħol imħallsin minn min iħaddem;

— il-perjodi ta' xogħol fuq sejħa għas-sigħat imqattgħin fil-post tax-xogħol u għas-sigħat imqattgħin barra mill-post tax-xogħol mill-ħin meta l-impjegat jissejjaħ lura għax-xogħol (inkluż il-ħin tal-ivvjaġġar, eż. mid-dar sal-post tax-xogħol);

— is-sigħat imqattgħin f'telexogħol, dment li l-impjegat ikun jista' jiġi kkuntattjat minn min iħaddem waqt il-ħinijiet normali tax-xogħol.

Is-sigħat effettivament maħdumin jeskludu:

— is-sigħat imħallsin imma mhux maħdumin, pereżempju: il-festi/il-btajjel imħallsin, il-festi pubbliċi, l-assenza minħabba mard, il-liv tal-maternità, avvenimenti ta' forza maġġuri bħal kundizzjonijiet estremi tat-temp jew perikli naturali eċċ.;

— is-sigħat mhux maħdumin u mhux imħallsin, pereżempju waqt mard u maternità, eċċ.;

— is-sigħat mhux maħdumin (kemm jekk imħallsin kif ukoll jekk le) waqt liv speċjali minħabba eżamijiet mediċi, żwiġijiet, funerali, ġarr, wara xi aċċident, eċċ.;

— il-waqfiet għall-ikel (jiġifieri mhux waqfiet qosra ta' mistrieħ jew rikreattivi);

— is-sigħat mhux maħdumin (kemm jekk imħallsin kif ukoll jekk le) matul xogħol b'ħinijiet iqsar, tilwim industrijali, lock-outs, eċċ.;

— il-ħin imqatta' mill-impjegat biex jivvjaġġa mid-dar sal-post tax-xogħol;

— is-sigħat imqattgħin mill-apprendisti f'taħriġ, fl-intrapriża / fl-unità lokali jew fi stabbilimenti edukattivi.

[ESA 2010, §11.27 sa §11.29; Statistika Ewropea dwar in-Negozju, varjabbli 220201 ("Sigħat maħdumin mill-impjegati")]

([6]) Is-sigħat mhux imħallsin maħdumin bħala parti minn "sigħat effettivament maħdumin" spiss ikunu jridu jiġu stmati, pereżempju mid-data tal-istħarriġ tal-unitajiet domestiċi.

C. **Sigħat imħallsin**

Dan il-varjabbli jkopri n-numru totali ta' sigħat imħallsin matul is-sena minn min iħaddem (C1). In-numru totali ta' sigħat imħallsin lill-impjegati full-time (C11) u lill-impjegati part-time (C12) huwa rreġistrat separatament. Is-sigħat imħallsin lill-apprendisti jiġu rreġistrati wkoll taħt varjabbli speċifiku (C1A) għall-pajjiżi kkonċernati.

In-numru ta' sigħat imħallsin fis-sena huwa definit kif ġej:

— is-sigħat normali u tas-sahra rimunerati matul is-sena;

— kwalunkwe sigħat li għalihom l-impjegat ikun tħallas b'rata mnaqqsa, anki jekk id-differenza tkun ġiet koperta b'pagamenti mill-fondi tas-sigurtà soċjali;

— sigħat mhux maħdumin matul il-perjodu ta' referenza iżda mħallsin xorta waħda (festi /vaganzi annwali, assenza minħabba mard, festi pubbliċi u sigħat oħrajn imħallsin, inkluż ħin frank għal eżamijiet mediċi, twelidijiet, tiġijiet, funerali, ġarr, eċċ.).

Meta ċerti sigħat jitħallsu kompletament jew parzjalment mis-sistema tas-sigurtà soċjali jew minn skemi pubbliċi ffinanzjati mill-gvern, eż. biex jiġu sostnuti x-xogħol b'ħinijiet iqsar jew sensji temporanji, it-trattament ta' dawn il-każijiet huwa dettaljat hawn taħt.

F'każijiet ta' liv minħabba mard jew liv tal-maternità u forom oħrajn ta' assenza, bħal sensji temporanji, is-sigħat li jitħallsu 100 % minn min iħaddem jiġu rreġistrati kollha kemm huma bħala sigħat imħallsin. Meta tali sigħat jitħallsu kollha kemm huma mis-sistema tas-sigurtà soċjali jew mill-gvern (jiġifieri min iħaddem ma jħallas għall-ebda siegħa jew inkella jingħata rifużjoni sħiħa), is-sigħat korrispondenti jenħtieġ li jiġu esklużi.

Fil-każ intermedju, meta proporzjon jitħallas kemm minn min iħaddem (eż. 25 %) kif ukoll mis-sigurtà soċjali (75 %), jenħtieġ li jiġu rreġistrati l-100 % korrispondenti tas-sigħat imħallsin. Eżempju tax-xenarji differenti huwa muri hawn taħt.

Mill-ewwel sat-tielet jum tal-liv minħabba mard: ma jitħallas xejn lill-impjegat; la minn min iħaddem u lanqas mis-sigurtà soċjali

— jenħtieġ li ma jiġu rreġistrati l-ebda (0) sigħat imħallsin.

Mir-raba' sal-14-il jum tal-liv minħabba mard: 75 % jitħallsu mis-sigurtà soċjali u 25 % jitħallsu fuq bażi volontarja minn min iħaddem

— jekk min iħaddem iħallas il-25 % tiegħu (għalhekk, 75 % mis-sigurtà soċjali + 25 % minn min iħaddem), f'dak il-każ jiġu rreġistrati 100 % tas-sigħat korrispondenti.

— jekk min iħaddem ma jħallasx il-25 % tiegħu, f'dak il-każ jenħtieġ li ma jiġu rreġistrati l-ebda (0) sigħat imħallsin.

Il-15-il jum u aktar tal-liv minħabba mard: 100 % jitħallsu mis-sigurtà soċjali, u ma jitħallas xejn minn min iħaddem

— ma jiġu rreġistrati l-ebda (0) sigħat imħallsin.

Kalkolu tas-sigħat imħallsin fis-sena u tas-sigħat effettivament maħdumin fis-sena

Dawn il-kalkoli għandhom jitwettqu direttament minn min iħaddem, li jkun qed jipprovdi d-data, jew mill-aġenziji tal-ġbir / l-istituti nazzjonali tal-istatistika, bl-użu tal-metodu li jidhrilhom li jkun l-aktar wieħed xieraq. Il-mudelli li ġejjin juru kif is-sigħat imħallsin u s-sigħat effettivament maħdumin jistgħu jiġu stmati bl-użu tal-informazzjoni disponibbli.

C11 *Sigħat imħallsin fis-sena għall-impjegati full-time*

Fejn hemm informazzjoni disponibbli għall-varjabbli elenkati hawn taħt:

(A11) *Il-medja ta' kull xahar ta' impjegati full-time*

(a) Il-medja annwali ta' sigħat kuntrattwali *mħallsin* ta' impjegat full-time, esklużi s-sahra u l-waqfiet għall-ikel

(b) Il-medja annwali tas-sigħat ta' sahra *mħallsin* ta' impjegat full-time

in-numru totali annwali ta' *sigħat imħallsin* għall-impjegati full-time jiġi espress permezz ta' din l-ekwazzjoni

$$(C11) = (A11) \times (a + b)$$

li jenħtieġ li tinkludi s-sigħat li jitħallsu minn min iħaddem, kompletament jew parzjalment, matul, pereżempju, liv minħabba mard. Is-sigħat imħallsin kompletament mis-sigurtà soċjali huma esklużi.

Sigħat imħallsin fis-sena għall-impjegati part-time (C12) u għall-apprendisti (C1A)

Jistgħu jintużaw mudelli simili għall-kalkolu tas-sigħat imħallsin għall-impjegati part-time u għall-apprendisti.

B11 *Sigħat effettivament maħdumin kull sena għall-impjegati full-time*

Fejn hemm informazzjoni disponibbli għall-varjabbli elenkati hawn taħt:

(C11) *Is-sigħat annwali mħallsin għall-impjegati full-time*

(c) Il-medja annwali tas-sigħat ta' sahra *mhux imħallsin* ta' impjegat full-time

(d) In-numru medju ta' sigħat ta' kuljum effettivament maħdumin minn impjegat full-time [jiġifieri sigħat kuntrattwali flimkien mas-sigħat tas-sahra (kemm *imħallsin* kif ukoll *mhux imħallsin*), esklużi l-waqfiet għall-ikel]

(X11) *In-numru annwali ta' jiem imħallsin iżda mhux effettivament maħdumin għall-impjegati full-time, li jinkludi dan li ġej:*

(e) Il-medja annwali ta' ġranet ta' festa/btajjel għal kull impjegat full-time, mogħtijin minn min iħaddem

(f) Il-medja annwali tal-ġranet ta' festi pubbliċi uffiċjali għal kull impjegat full-time

(g) Il-medja annwali ta' jiem tal-liv minħabba mard u tal-maternità li tħallsu, kompletament jew parzjalment, minn min iħaddem għal kull impjegat full-time

(h) Il-medja annwali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u tilwim tax-xogħol għal kull impjegat full-time

(i) Il-medja annwali ta' ġranet oħrajn mhux effettivament maħdumin għal kull impjegat full-time (eż. liv speċjali għal eżamijiet mediċi, twelidijiet, żwieġ, funerali, ġarr, wara xi aċċident, eċċ.)

in-numru totali annwali ta' *sigħat maħdumin* minn impjegati full-time (qabel il-korrezzjonijiet għal ġranet mhux effettivament maħdumin) jiġi espress permezz tal-ekwazzjoni [C11 + (A11 × c)].

Jekk wieħed inaqqas in-numru totali annwali ta' *sigħat mhux effettivament maħdumin*, li huwa definit minn (A11) × d × (X11), wieħed jikseb (B11), jiġifieri t-total annwali ta' sigħat effettivament maħdumin mill-impjegati full-time:

$$(B11) = [C11 + (A11 \times c)] - (A11 \times d \times X11)$$

jew: $(B11) = (A11) \times [(a + b + c) - d \times (X11)]$.

Sigħat maħdumin effettivament fis-sena għall-impjegati part-time (B12) u għall-apprendisti (B1A)

Mudelli simili jistgħu jintużaw għall-kalkolu tas-sigħat maħdumin minn impjegati part-time u minn apprendisti.

D. **Kostijiet lavorattivi**

Il-kostijiet lavorattivi jfissru n-nefqa totali sostnuta minn min iħaddem sabiex jimpjega lill-persunal, kunċett li ġie adottat fil-qafas tal-Komunità u li jaqbel b'mod ġenerali mad-definizzjoni internazzjonali tal-Konferenza Internazzjonali tal-Esperti tal-Istatistika dwar ix-Xogħol (Ġinevra, 1966).

Il-kostijiet lavorattivi jinkludu l-kumpens lill-impjegati bil-pagi u s-salarji fi flus u *in natura* u l-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D1), il-kostijiet tat-taħriġ vokazzjonali (D2), infiq ieħor (D3), u taxxi marbutin mal-impjieg ikkunsidrati bħala kostijiet lavorattivi (D4),li minnhom jitnaqqas kwalunkwe sussidju rċevut (D5).

Il-kostijiet għall-persuni impjegati minn aġenziji tal-impjieg temporanji għandhom jiġu inklużi fl-industrija tal-aġenzija li timpjegahom u mhux fl-industrija tal-intrapriża li għaliha effettivament jaħdmu.

Diżaggregazzjoni mad-daqqa t'għajn tal-kostijiet lavorattivi totali hija pprovduta fl-Illustrazzjoni 2.

D1 *Kumpens lill-impjegati*

Il-kumpens lill-impjegati huwa ddefinit bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus jew *in natura*, pagabbli minn min iħaddem lil impjegat għal xogħol magħmul minn dan tal-aħħar matul il-perjodu ta' referenza. Huwa magħmul mill-komponenti li ġejjin:

— pagi u salarji (D11);

— il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D12), li jikkonsistu l-aktar fil-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem (D121) u l-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D122).

[ESA 2010, §4.02, il-kodiċi D.1; Statistika Ewropea tan-Negozju, varjabbli 220301 ("Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati")]

D11 *Pagi u salarji*

Il-pagi u s-salarji jinkludu r-remunerazzjoni diretta, il-bonusijiet u l-pagamenti għax-xogħol bix-xift, allowances, tariffi, kummissjonijiet u remunerazzjoni *in natura*. Madankollu, il-ħlas għall-ħaddiema ta' barra mħallsin eskluživament bir-rati tax-xogħol bl-imqieta huwa eskluż [ESA 2010, §4.07(e)]. B'differenza mill-kontijiet nazzjonali, it-tipps u l-gratwitajiet huma eskluži għax dawn ma jitħallsux minn min iħaddem u għalhekk ma jiġux dokumentati bħala kostijiet lavorattivi fil-kontijiet tiegħu. Il-pagi u s-salarji mħallsin lill-apprendisti, trainees u interns huma inklużi, u jiġu rreġistrati wkoll taħt varjabbli speċifiku (D11A) għall-pajjiżi kkonċernati.

Il-pagi u s-salarji jiġu rreġistrati fil-perjodu li matulu jsir ix-xogħol. Madankollu, bonusijiet *ad hoc* u pagamenti eċċezzjonali oħrajn, it-13-il xahar, eċċ. jiġu rreġistrati meta jkunu dovuti biex jitħallsu. Il-mument tar-reġistrazzjoni tal-opzjonijiet fuq l-ishma huwa mifrux fuq il-perjodu bejn id-data tal-għotja u d-data tal-vestiment. Jekk id-data tkun inadegwata, il-valur tal-opzjoni jiġi rreġistrat fid-data tal-vestiment.

Diżaggregazzjoni sħiħa tal-pagi u s-salarji hija pprovduta fl-Illustrazzjoni 3.

[ESA 2010, §4.03 sa §4.07 u §4.12(a) fir-rigward tal-mument tar-reġistrazzjoni, il-kodiċi D.11; L-Istatistika Ewropea tan-Negozju, il-varjabbli 220302 ("Pagi u salarji")]

D111 *Remunerazzjoni diretta, bonusijiet u allowances*

Ir-remunerazzjoni diretta, il-bonusijiet u l-allowances jinkludu l-valuri ta' kwalunkwe kontribuzzjoni soċjali, taxxa fuq l-introjtu, eċċ., pagabbli mill-impjegat anke jekk dawn effettivament jinżammu minn min iħaddem u jitħallsu direttament fi skemi tas-sigurtà soċjali, lill-awtoritajiet tat-taxxa, eċċ. f'isem l-impjegat.

Bonus huwa forma ta' premju jew rikonoxximent mogħti minn min iħaddem. Meta impjegat jirċievi pagament ta' bonus, ma jkun hemm l-ebda aspettattiva jew suppożizzjoni li l-bonus ikun se jintuża biex ikopri xi spiża speċifika. Il-valur ta' pagament ta' bonus u l-mument meta jingħata jistgħu jkunu fid-diskrezzjoni ta' min iħaddem jew jistgħu jiġu stipulati fi ftehimiet stipulati fil-post tax-xogħol.

Allowance huwa dritt mogħti minn min iħaddem lil impjegat u huwa maħsub biex ikopri spiża speċifika, mhux relatata max-xogħol, li tkun saret mill-impjegat. Ħafna drabi dan ikun miftiehem fil-ftehimiet stipulati fil-post tax-xogħol u normalment jitħallas fiż-żmien li wieħed ikun intitulat għalih.

D1111 *Remunerazzjoni diretta, bonusijiet u allowances imħallsin f'kull perjodu tal-ħlas*

Dan ifisser remunerazzjoni fil-forma ta' pagament regolari bil-flus mħallsin regolarment f'kull perjodu tal-ħlas matul is-sena. Għall-biċċa l-kbira tal-impjegati, il-perjodu tal-ħlas huwa ġimgħa jew xahar. Għalhekk, il-pagamenti rċevuti b'mod anqas frekwenti (kull xahar fil-każ ta' pagamenti regolari ta' kull ġimgħa, ta' kull trimestru, ta' darbtejn f'sena, ta' kull sena) jew fuq bażi *ad hoc* jenħtieġ li ma jiġux inklużi hawnhekk. Il-pagamenti fi skemi tat-tfaddil għall-impjegati jenħtieġ li jiġu esklużi minn hawnhekk u għandhom jiġu inklużi taħt D112.

Dawn jenħtieġ li jkunu ammonti grossi, qabel it-tnaqqis tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pagabbli mill-impjegati. [ESA 2010, §4.03 (a-c, e, g, j), il-kodiċi D.11]

B'mod speċifiku, dan il-varjabbli jirreferi għal:

(a) pagi u salarji bażiċi;

(b) remunerazzjoni diretta kkalkolata skont il-ħin maħdum u mħallas lill-impjegati għas-sigħat maħdumin;

(c) remunerazzjoni u pagamenti addizzjonali għal sahra, xogħol billejl, xogħol fil-Ħdud u fil-festi pubbliċi, u xogħol bix-xift matul il-perjodu ta' referenza;

(d) bonusijiet u allowances imħallsin regolarment f'kull perjodu tal-ħlas, inklużi:

— bonusijiet tal-post tax-xogħol għal storbju, riskju, xogħol diffiċli, xogħol bix-xift jew kontinwu, xogħol billejl u xogħol fil-Ħdud u fil-festi pubbliċi,

— bonusijiet individwali għall-prestazzjoni, bonusijiet għall-output, għall-produzzjoni, għall-produttività, għar-responsabbiltà, għad-diliġenza, għall-puntwalità, għat-tul tas-servizz, għall-kwalifiki u għall-għarfien speċjali.

Il-pagamenti li jaqgħu taħt il-kategorija ta' kost lavorattiv D1111 għandhom il-karatteristiċi li ġejjin.

Huma tranżazzjonijiet ta' flus mingħand min iħaddem lil impjegat.

Ma humiex:

— imħallsin fuq bażi *ad hoc* jew bi frekwenza anqas minn dik tal-pagamenti regolari tar-remunerazzjoni (dawn jappartjenu għal D1112);

— pagamenti *in natura* (dawn jappartjenu għal D114);

— pagamenti fi skema ta' tfaddil għall-impjegati (dawn jappartjenu għal D112);

— pagamenti maħsubin biex ikopru perjodu speċifiku li mhux maħdum (dawn jappartjenu għal D113 jew, fil-każ ta' mard, taħt D1221).

Jistgħu:

— ikunu bonusijiet imħallsin għal riskji fuq ix-xogħol jew xogħol bix-xift;

— jitħallsu kull ġimgħa jew kull xahar skont il-perjodu normali tal-ħlas;

— jirriflettu l-prestazzjoni ta' impjegat jew ta' grupp ta' impjegati.

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D1111

Element	Deskrizzjoni
Allowance tal-espatrijazzjoni / allowance għall-għoli tal-ħajja	Pagament lil impjegati li jaħdmu barra mill-pajjiż tal-oriġini jew tar-residenza tas-soltu tagħhom / mid-domiċilju tas-soltu tagħhom biex jirrifletti d-differenza fl-għoli tal-ħajja.
Allowance tal-unità domestika	Pagament għall-kostijiet tal-akkomodazzjoni.
Pagamenti għal dmirijiet jew għal servizz fuq sejħa	Pagament għall-impjegati li jridu jkunu disponibbli biex jaħdmu tul perjodi li ma humiex is-sigħat normali tax-xogħol.
Ħlas addizzjonali għal riskji jew perikli	Bonus imħallas lill-impjegati fejn ikun hemm riskji speċifiċi assoċjati max-xogħol, eż. kimiċi perikoluż.

Element	Deskrizzjoni
Allowance għal xogħol b'ħin imnaqqas	Pagament addizzjonali (mhux garantit) sabiex jikkumpensa totalment jew parzjalment lill-impjegati għal tnaqqis fil-ħin normali tax-xogħol (il-pagamenti garantiti jappartjenu għal D1224).
Kummissjonijiet fuq bejgħ	Bonus marbut man-numru ta' prodotti mibjugħin.
Ħlas għas-sahra	Pagament ta' bonus għal sigħat maħdumin lil hinn mis-sigħat normali tax-xogħol.
Allowance għaż-żamma tal-impjegati	Pagament kontinwu biex impjegati eżistenti jitħeġġu jew jintrabtu biex jibqgħu ma' min iħaddimhom.
Pagament skont ir-riżultati	Pagament ta' bonus li jiddependi fuq in-numru ta' prodotti pproċessati mill-impjegat, eż. in-numru ta' biċċiet tal-ħwejjeġ magħmulin.
Paga għax-xift	Pagament ta' bonus għal xogħol waqt sigħat mhux standard, eż. matul il-lejl.

D1112 *Remunerazzjoni diretta, bonusijiet u allowances mhux imħallsin f'kull perjodu tal-ħlas*

Kull pagament lill-impjegati li ma jitħallasx regolarment f'kull perjodu tal-ħlas (kull ġimgħa jew kull xahar), inklużi bonusijiet u allowances li jitħallsu f'perjodi fissi, iżda li ma jitħallsux regolarment f'kull perjodu tal-ħlas, u bonusijiet marbutin mal-prestazzjoni individwali jew kollettiva.

Il-pagamenti eċċezzjonali lill-impjegati li jitilqu mill-intrapriża huma inklużi hawnhekk, dment li tali pagamenti la jkunu marbutin ma' ftehim kollettiv u lanqas ma jkunu meħtieġa bil-liġi. Jekk ma tkun disponibbli ebda informazzjoni dwar possibbiltà ta' rabta ma' ftehim kollettiv jew jekk ikun magħruf li tali rabta tkun teżisti, il-pagamenti eċċezzjonali għal-liv jiġu esklużi minn hawnhekk u jenħtieġ li jiġu inklużi taħt D1223 *Pagamenti lil impjegati li jitilqu mill-intrapriża*. Anki l-pagamenti għal skemi ta' tfaddil għall-impjegati huma esklużi u huma koperti minn D112.

Bl-istess mod, il-varjabbli D1112 jirreferi għall-ammonti gross qabel it-tnaqqis tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pagabbli mill-impjegati. [ESA 2010, §4.03(d, f, i), il-kodiċi D.11]

Il-pagamenti li jaqgħu taħt il-kategorija tal-kost lavorattiv D1112 għandhom il-karatteristiċi li ġejjin.

Huma tranżazzjonijiet ta' flus mingħand min iħaddem lil impjegat.

Ma humiex:

— imħallsin f'kull perjodu tal-ħlas (dawn jistgħu jappartjenu għal D1111);

— pagamenti *in natura* (dawn jappartjenu għal D114);

— pagamenti fi skema ta' tfaddil għall-impjegati (dawn jappartjenu għal D112);

— pagamenti maħsubin biex ikopru perjodu speċifiku li mhux maħdum (dawn jappartjenu għal D113 jew, fil-każ ta' mard, taħt D1221).

Jistgħu:

— ikunu allowance għal kostijiet jew spejjeż speċifiċi;

— jirriflettu l-prestazzjoni ta' impjegat jew ta' grupp ta' impjegati;

— jirrappreżentaw kumpens għal dmirijiet jew funzjonijiet speċjali;

— ikunu pagament obbligatorju stipulat fil-kuntratt tax-xogħol, fil-ftehim kollettiv jew meħtieġ bil-liġi (ħlief għall-bonusijiet tat-tluq jew tal-irtirar);

— ikunu pagament diskrezzjonali;

— jitħallsu f'punti varjabbli fiż-żmien jew f'punti fissi matul is-sena.

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D1112

Element	Deskrizzjoni
Għotja eċċezzjonali għal servizz twil	Imħallsa darba meta impjegat ikun ħadem għal numru speċifiku ta' snin għal min iħaddmu.
Bonus tal-irtirar	Pagament mal-irtirar mill-impjieg, mhux assoċjat mal-intitolamenti għall-pensjoni, jekk dawk il-pagamenti la jkunu marbutin ma' ftehim kollettiv u lanqas ma jkunu meħtieġa bil-liġi (inkella, jew jekk ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' rabta ma' ftehim kollettiv, dawn il-pagamenti jappartjenu għal D1223).
Bonusijiet tat-tluq ("golden handshake")	Pagamenti eċċezzjonali lil impjegati li jitilqu mill-intrapriża jekk dawk il-pagamenti la jkunu marbutin ma' ftehim kollettiv u lanqas ma jkunu meħtieġa bil-liġi (inkella, jew jekk ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' rabta, il-pagamenti eċċezzjonali tal-liv jiġu assenjati lil D1223).
Inċentiv għar-reklutaġġ	Pagament uniku mogħti lil impjegat ġdid fil-bidu tal-impjieg.
Arretrati tal-paga mħallsin b'lura	Pagamenti li jirrappreżentaw żidiet fir-remunerazzjoni diretta li jkunu applikati b'mod retroattiv.
Bonus b'rabta mal-fużjoni bejn kumpaniji	Pagament ta' darba li jsir lill-impjegati b'riżultat ta' fużjoni bejn kumpaniji.
Għotjiet ta' rikonoxximent għall-impjegati	Pagament eċċezzjonali mogħti minn min iħaddem biex jippremja individwi jew gruppi ta' impjegati.
Bonusijiet tal-produttività / għotjiet mogħtijin meta jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni	Pagamenti li jiddependu fuq il-fatt li impjegat jew grupp ta' impjegati jilħqu miri stabbiliti minn qabel, eż. fir-rigward tal-bejgħ, tas-servizz lill-konsumaturi, jew tal-baġits.
Bonusijiet speċjali għall-festi	Imħallsin fiż-żmien ta' ċerti festivitajiet jew festi, eż. il-Milied.
Qsim tal-profitti tal-kumpanija u drittijiet fuq l-apprezzament tal-ishma	Pagament bil-flus li jiddependi fuq il-profitt tal-kumpanija. Id-drittijiet fuq l-apprezzament tal-ishma jirrappreżentaw forma ta' qsim tal-profitti tal-kumpanija fejn impjegat isir intitolat għal pagament futur fi flus ibbażat fuq iż-żieda fil-prezz tal-ishma tal-kumpanija minn livell speċifikat fuq perjodu ta' żmien speċifikat. Id-drittijiet fuq l-apprezzament tal-ishma għandhom jiġu evalwati fil-mument tal-pagament fi flus, u jirreferu għalih, irrispettivament mill-valur fid-data tal-għotja jew mit-tul tal-perjodu tal-vestiment.
Bonusijiet trimestrali tal-kumpanija	Imħallsin kull trimestru, abbażi tal-profitt jew tal-prestazzjoni ta' min iħaddem (bis-suppożizzjoni li l-perjodu tal-ħlas ma jkunx kull trimestru).
Bonus annwali tal-kumpanija	Imħallas darba fis-sena u jiddependi fuq il-profitt jew il-prestazzjoni ta' min iħaddem.
Paga tat-13-il xahar jew l-14-il xahar	Pagamenti addizzjonali annwali (jiġifieri esklużi t-13 jew l-14-il xahar imħallsin f'pagamenti ta' kull xahar).

D112 *Pagamenti fi skemi ta' tfaddil għall-impjegati*

Ammonti mħallsin fi skemi ta' tfaddil għall-impjegati (skemi ta' tfaddil tal-kumpanija, skemi tax-xiri tal-ishma, eċċ.). Pagamenti mħallsin għall-istabbiliment ta' fond speċjali għax-xiri tal-ishma tal-kumpanija jew assi finanzjarji oħrajn għall-impjegati, anke jekk ma jkollhomx aċċess immedjat għal dawn l-assi, iridu jitnaqqsu bl-ammont tal-eżenzjoni mit-taxxa li tista' tkun tapplika għalihom.

It-tqassim ta' ishma, bla ħlas, jew il-bejgħ ta' ishma bi prezzijiet imnaqqsin lill-impjegati jew lil xi fond speċjali jista' jitqies bħala nefqa biss jekk l-ishma inkwistjoni jinxtraw mis-suq. Il-kost għall-intrapriża jiġi ddeterminat mid-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz tal-bejgħ jew tat-trasferiment.

Jekk il-pagamenti f'kont tat-tfaddil tal-impjegati jsiru b'mod regolari, f'kull perjodu tal-ħlas (eż. kull xahar), dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala pagamenti regolari u jiġu rreġistrati fil-mument meta jsir ix-xogħol.

Inkella, jekk il-pagamenti fil-kont tat-tfaddil tal-impjegati jsiru fuq bażi *ad hoc* (eż. min iħaddem jiddeċiedi li jqassam sehem mill-profitti tal-kumpanija fil-kont tat-tfaddil tal-impjegati tiegħu), dawn jenħtieġ li jiġu rreġistrati meta jkunu dovuti biex jitħallsu. [ESA 2010, §4.03(h), il-kodiċi D.11]

D113 *Pagamenti għal ġranet mhux maħdumin*

Remunerazzjoni mħallsa għal-liv statutorju, kuntrattwali jew mogħti volontarjament u għall-festi pubbliċi jew ġranet oħrajn imħallsin iżda mhux maħdumin.

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D113

Element	Deskrizzjoni
Ħlas għall-festi	Pagamenti lill-impjegati biex ikopru l-ġranet mhux maħdumin minħabba festi annwali, nazzjonali jew lokali (il-pagamenti magħmulin minn min iħaddem biex ikopru l-assenzi tal-impjegati minħabba mard jew liv tal-maternità huma trattati bħala kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem taħt D1221).
Liv speċjali	Pagamenti lill-impjegati biex ikopru ġranet mhux maħdumin minħabba raġunijiet personali speċjali, eż. żwieġ, mewt ta' membri tal-familja, rappreżentanza tal-union, servizz militari jew f'ġuri. (Il-pagamenti magħmulin minn min iħaddem biex ikopri l-assenzi tal-impjegati minħabba mard jew liv tal-maternità jitqiesu bħala kontribuzzjoni soċjali ta' min iħaddem taħt D1221).

D114 *Pagi u salarji in natura*

Dan jirreferi għall-prodotti u s-servizzi kollha magħmulin disponibbli bla ħlas jew bi prezz imnaqqas minn min iħaddem lill-impjegati permezz ta' min iħaddem. Jinkludi prodotti tal-kumpanija, akkomodazzjoni għall-impjegati, karozzi tal-kumpanija, opzjonijiet fuq l-ishma u skemi tax-xiri tal-ishma. Jekk tkun disponibbli informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu personali applikabbli għall-pagi u s-salarji *in natura* , tista' tintuża din minflok. [ESA 2010, §4.04, §4.05 u §4.06, il-kodiċi D.11]

Eżempji: Pagi u salarji li jaqgħu taħt il-varjabbli D114

Element	Deskrizzjoni	Diżaggregazzjoni ulterjuri
Skontijiet fuq prodotti	Min iħaddem ibigħ prodotti lill-impjegati b'rati mnaqqsin. L-introjtu *in natura* huwa ekwivalenti għad-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-prezz imnaqqas.	D1141
Akkomodazzjoni b'xejn jew issussidjata	Min iħaddem iħallas il-kostijiet tal-akkomodazzjoni tal-impjegati totalment jew parzjalment. Għal darb'oħra, l-introjtu *in natura* jintlaħaq billi jitqabbel mal-prezz tas-suq.	D1142
L-użu ta' karozza li tkun proprjetà ta' min iħaddem	Min iħaddem iħallas il-kostijiet operazzjonali għal karozza li tkun proprjetà ta' min iħaddem u li tkun disponibbli għall-impjegat biex tintuża kemm għax-xogħol kif ukoll b'mod privat (l-introjtu *in natura* jirreferi għall-valur tal-użu tal-karozza privata).	D1143
Fjuwil b'xejn jew issussidjat	Min iħaddem iħallas, totalment jew parzjalment, il-kostijiet privati tal-fjuwil tal-impjegat assoċjati mal-użu ta' karozza li tkun il-proprjetà ta' min iħaddem. L-introjtu *in natura* huwa ekwivalenti għall-valur fi flus ta' dan il-benefiċċju.	D1143
Skemi tax-xiri tal-ishma	Pagamenti *in natura* bbażati fuq l-ishma fejn l-ishma jingħataw lill-impjegati bħala parti mill-pakketti tal-kumpens tagħhom. L-impjegat jirċievi l-ishma mingħajr dewmien bi prezz iktar baxx minn dak tas-suq (id-drittijiet fuq l-apprezzament tal-ishma huma forom ta' kumpens ibbażat fuq l-ishma ssaldat bil-flus u jenħtieġ li jaqgħu taħt D1112).	D1144

Element	Deskrizzjoni	Diżaggregazzjoni ulterjuri
Opzjonijiet fuq l-ishma	Pagamenti *in natura* bbażati fuq l-ishma fejn l-ishma jingħataw lill-impjegati bħala parti mill-pakketti tal-kumpens tagħhom. L-impjegat jirċievi d-dritt li jixtri l-ishma f'punt ta' żmien definit sew fil-futur bi prezz iffissat diġà fil-preżent (id-drittijiet fuq l-apprezzament tal-ishma huma forom ta' kumpens ibbażat fuq l-ishma ssaldati bil-flus u jenħtieġ li jaqgħu taħt D1112).	D1144
Parkeġġ b'xejn jew issussidjat fil-post tax-xogħol	Min iħaddem jipprovdi faċilitajiet ta' parkeġġ għall-impjegati bi prezz imnaqqas jew b'xejn lill-impjegat. L-introjtu *in natura* huwa ekwivalenti għall-valur fi flus ta' dan il-benefiċċju.	D1145
Użu b'xejn jew sussidjat ta' telefown ċellulari	Min iħaddem jipprovdi telefown ċellulari biex jintuża għax-xogħol u b'mod privat u jħallas il-kostijiet kollha assoċjati. L-introjtu jikkorrispondi għall-valur fi flus ta' dan il-benefiċċju.	D1145
Vjaġġar b'xejn jew issussidjat lejn ix-xogħol u mix-xogħol	Il-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-impjegati lejn ix-xogħol u mix-xogħol jitħallsu totalment jew parzjalment. L-introjtu *in natura* huwa ekwivalenti għall-valur fi flus ta' dan il-benefiċċju.	D1145
Ikliet b'xejn jew issussidjati	L-ikliet huma pprovduti minn min iħaddem lill-impjegat b'kost imnaqqas jew bla ebda kost għall-impjegat. L-introjtu *in natura* huwa ekwivalenti għall-valur fi flus ta' dan il-benefiċċju.	D1145
Kostijiet b'xejn jew issussidjati b'rabta mat-telexogħol	Min iħaddem iħallas il-kostijiet tal-impjegati b'rabta mat-telexogħol (jgħodd biss jekk il-kost tal-abbonament tal-internet, tat-tiswin, u tal-elettriku ikun kopert kollu) fejn dan ikun ta' benefiċċju għall-impjegat anki bħala utent privat. L-introjtu *in natura* huwa ekwivalenti għall-valur fi flus ta' dan il-benefiċċju. Rifużjoni parzjali li ma tkunx ta' benefiċċju għall-impjegat tiġi rreġistrata f'D3.	D1145

D1141 *Prodotti tal-kumpanija (mhux obbligatorju)*

Dawn huma pprovduti b'xejn għall-użu privat jew jinbiegħu lill-impjegati bi prezz anqas milli jiswew lill-intrapriża. Pereżempju, ikel u xorb (eskluż l-infiq fil-kantins u fil-vawċers tal-ikel), faħam, gass, elettriku, żejt tal-fjuwil, tiswin, żraben u ħwejjeġ (eskluż l-ilbies tax-xogħol), mikrokompjuters, eċċ.

Jenħtieġ li jiddaħħal il-prezz nett għall-intrapriża, jiġifieri l-kost tal-prodotti pprovduti b'xejn jew id-differenza bejn il-kost u l-prezz li bih il-prodotti jinbiegħu lill-impjegati. Il-pagamenti bħala kumpens jew benefiċċji *in natura* li ma jittiħdux iridu jiddaħħlu wkoll.

D1142 *Akkomodazzjoni għall-impjegati (mhux obbligatorju)*

Dan jirreferi għall-infiq mill-intrapriża għal għajnuna lill-impjegati b'rabta mal-akkomodazzjoni, inklużi: (i) in-nefqa fuq akkomodazzjoni li tkun proprjetà tal-intrapriża (in-nefqa fuq il-manutenzjoni u l-amministrazzjoni tal-akkomodazzjoni, u t-taxxa u l-assigurazzjoni relatati ma' tali akkomodazzjoni); (ii) self b'imgħax imnaqqas għall-kostruzzjoni jew xiri ta' akkomodazzjoni mill-persunal (id-differenza bejn il-pagament tal-imgħax bir-rati tas-suq u bir-rata mogħtija); (iii) u allowances u sussidji mogħtijin lill-impjegati b'rabta mal-akkomodazzjoni u l-installazzjoni tagħhom, iżda eskluż l-allowances għall-ġarr. Ma jinkludix allowances tal-unità domestika mħallsin lill-impjegati biex ikopru xi wħud mill-kostijiet tal-akkomodazzjoni tagħhom, li jiġu rreġistrati taħt D1111.

D1143 *Karozzi tal-kumpanija (mhux obbligatorju)*

Il-karozzi tal-kumpanija, jew il-kost għall-intrapriża ta' karozzi tal-kumpanija mogħtijin lill-impjegati għall-użu privat tagħhom. Dan jenħtieġ li jinkludi l-kostijiet operazzjonali netti sostnuti mill-intrapriża (il-prezz annwali tal-kiri u l-pagamenti tal-interessi — id-deprezzament, l-assigurazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswijiet, u l-parkeġġ). Jenħtieġ li ma jinkludix in-nefqa kapitali involuta fix-xiri tal-vetturi, kwalunkwe introjtu miksub mill-bejgħ mill-ġdid tagħhom, jew il-proporzjon tal-kostijiet attribwibbli għall-użu marbut max-xogħol.

L-istimi jenħtieġ li jinħadmu skont l-informazzjoni disponibbli fl-intrapriżi, pereżempju r-rekords tal-flotta ta' vetturi ta' dan it-tip, il-valutazzjoni tal-kost medju għal kull vettura, u l-istima tal-proporzjon attribwibbli għall-użu privat tal-vettura mill-impjegat.

D1144 *Opzjonijiet fuq l-ishma u skemi tax-xiri tal-ishma (mhux obbligatorju)*

Dan il-varjabbli mhux obbligatorju jirreferi għall-forom kollha ta' pagamenti *in natura* li huma marbutin ma' kumpens ibbażat fuq l-ishma. L-opzjonijiet fuq l-ishma, l-iskemi tax-xiri tal-ishma u strumenti azzjonarji oħrajn li possibilment jevolvu fil-futur jappartjenu għal din il-kategorija. Karatteristika tipika ta' tali strumenti hija li jiġu ssaldati bl-ekwità, jiġifieri dawn jirrappreżentaw trasferiment ta' strumenti azzjonarji mingħand min iħaddem għal għand l-impjegat. Il-forom ta' kumpens koperti minn D1144 huma identiċi għal dawk koperti bl-intestatura "Tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq ishma ssaldat b'ekwità" tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 2, "Pagament ibbażat fuq ishma".

L-iskemi tax-xiri tal-ishma tipikament jittrasferixxu ishma mingħand l-intrapriża li tkun tħaddem għal għand l-impjegati. It-trasferiment isir fil-preżent (id-data tal-għotja) u huwa bbażat fuq prezz aktar baxx mill-prezz tas-suq tal-lum (il-"prezz tal-eżerċitar"). Il-kostijiet għall-intrapriża huma ekwivalenti għar-riżultat tal-multiplikazzjoni tan-numru ta' ishma bid-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-"prezz tal-eżerċitar".

L-iskemi tal-opzjonijiet fuq l-ishma tipikament jittrasferixxu d-dritt li jinxtraw l-ishma tal-intrapriża li tħaddem mhux qabel punt fiż-żmien definit sew fil-futur (id-data tal-vestiment) bi "prezz tal-eżerċitar" favorevoli diġà ffissat fil-preżent (id-data tal-għotja). L-impjegati jagħmlu użu minn dan id-dritt biss jekk il-prezz tas-suq fid-data tal-vestiment jew warajha jaqbeż il-"prezz tal-eżerċitar". Il-kostijiet għall-intrapriża huma għal darb'oħra ekwivalenti għar-riżultat tal-multiplikazzjoni tan-numru ta' ishma bid-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-"prezz tal-eżerċitar". Kemm fl-istatistika kif ukoll fil-kontabilità tal-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet huma assenjati u mqassmin matul il-"perjodu tal-vestiment", li huwa l-perjodu bejn id-data tal-għotja u d-data tal-vestiment. Dawn il-valuri jkunu inċerti matul il-perjodu tal-vestiment u għalhekk iridu jiġu stmati.

Stima tal-varjabbli D1144 għas-sena tar-referenza idealment tista' tinkiseb bl-għajnuna tal-linji gwida tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 2, "Pagament ibbażat fuq l-ishma". Jekk tali stima ma tkunx disponibbli, jistgħu jintużaw valuri skont l-istandards kontabilistiċi jew ir-regolamenti tat-taxxa tal-Istat Membru, dment li dawn ikopru l-istrumenti azzjonarji ta' D1144 u jirreferu għall-perjodu ta' referenza tas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi".

Mill-pagamenti li jsiru biex jiġi stabbilit fond speċjali għax-xiri ta' ishma tal-kumpanija għall-impjegati, anke jekk dawn ma jkollhomx aċċess immedjat għal tali assi, irid jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe eżenzjoni mit-taxxa li tista' tapplika għalihom. Kumpens ibbażat fuq l-ishma u ssaldat bil-flus, bħad-drittijiet ta' apprezzament tal-ishma, ma huwiex kopert mill-varjabbli D1144, imma minn D1112.

D1145 *Oħrajn (mhux obbligatorju)*

Dan il-varjabbli jkopri, b'mod partikolari, il-benefiċċji indiretti li jitħallsu minn min iħaddem, bħal:

— kantins u vawċers tal-ikel;

— faċilitajiet u servizzi kulturali, sportivi, u rikreattivi;

— kindergartens u servizzi għall-indukrar tat-tfal żgħar matul il-jum;

— ħwienet għall-impjegati;

— kostijiet tat-trasport għal vjaġġi bejn id-dar u l-post tax-xogħol tas-soltu;

— pagamenti għal fondi tat-trade unions u l-kostijiet ta' kumitati tax-xogħlijiet.

Dan l-infiq kollu jinkludi tiswijiet żgħar u manutenzjoni regolari ta' binjiet u installazzjonijiet użati għal servizzi u faċilitajiet soċjali, kulturali jew rikreattivi kif elenkati hawn fuq. Is-salarji u l-pagi mħallsin mill-intrapriża direttament lill-impjegati li jaħdmu f'dawn is-servizzi u faċilitajiet ma jiddaħħlux taħt l-intestatura tal-varjabbli D1145.

D11A *Pagi u salarji tal-apprendisti*

Dan il-varjabbli jinkludi l-komponenti kollha tal-pagi u s-salarji elenkati taħt D11 li jikkonċernaw l-apprendisti.

D12: *Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem*

Dan il-varjabbli jirreferi għal ammont ekwivalenti għall-valur tal-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli minn min iħaddem lill-iskemi tas-sigurtà soċjali jew skemi oħrajn tal-assigurazzjoni soċjali relatati mal-impjiegi biex jiżguraw l-intitolament tal-impjegati tagħhom għall-benefiċċji soċjali. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem jistgħu jkunu effettivi jew imputati. [ESA 2010, §4.08, il-kodiċi D.12; L-Istatistika Ewropea tan-Negozju, varjabbli 220303 ("Kostijiet tas-sigurtà soċjali")]

Dawn ikopru r-riskji u l-ħtiġijiet li ġejjin:

mard

invalidità, diżabbiltà

aċċident jew mard marbutin max-xogħol

xjuħija

superstiti

maternità

familja

promozzjoni tax-xogħol

qgħad

akkomodazzjoni

edukazzjoni

stat ta' bżonn ġenerali.

[ESA 2010, §4.84]

Dawn jinkludu l-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem pagabbli lill-apprendisti, li huma rreġistrati wkoll għall-pajjiżi kkonċernati taħt varjabbli speċifiku (D12A).

Analiżi sħiħa tal-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għal kull komponent hija pprovduta fl-Illustrazzjoni 4.

D121: *Kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem*

Dawn jikkonsistu f'pagamenti magħmulin minn min iħaddem għall-benefiċċju tal-impjegati tiegħu lill-assiguraturi (skemi tas-sigurta soċjali u skemi oħrajn tal-assigurazzjoni soċjali relatati mal-impjiegi). Dawn il-pagamenti jkopru l-kontribuzzjonijiet statutorji, konvenzjonali, kuntrattwali u volontarji fir-rigward ta' assigurazzjoni kontra riskji jew bżonnijiet soċjali. Il-kontribuzzjonijiet soċjali effettivi ta' min iħaddem jiġu rreġistrati matul il-perjodu li fih isir ix-xogħol. [ESA 2010, §4.09, il-kodiċi D.121 u §4.12(b) fir-rigward tal-ħin tar-reġistrazzjoni]

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D121

Element	Deskrizzjoni	Diżaggregazzjoni ulterjuri
Pagamenti ta' min iħaddem fi skema ta' assigurazzjoni għad-diżabilità	Pagamenti regolari b'fondi mingħand min iħaddem fl-iskema ta' assigurazzjoni.	D1211

Element	Deskrizzjoni	Diżaggregazzjoni ulterjuri
Pagamenti statutorji ta' min iħaddem f'fondi tal-pensjonijiet	Min iħaddem iħallas waqt il-perjodu ta' impjieg fi skema ta' pensjoni li tinvolvi fond tas-sigurtà soċjali, intrapriża tal-assigurazzjoni jew fond awtonomu tal-pensjonijiet.	D1211
Kontribuzzjonijiet akbar tal-pensjoni mingħand min iħaddem	Min iħaddem iħallas kontribuzzjoni addizzjonali fl-iskema tal-pensjoni tal-impjegat.	D1212

D1211 *Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali*

Kontribuzzjonijiet imħallsin lil istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew skemi tal-assigurazzjoni biex ikopru kwalunkwe riskju u ħtieġa li huma elenkati taħt D12, pagabbli minn min iħaddem u magħmulin obbligatorji bil-liġi. L-ammonti ta' tali kontribuzzjonijiet iridu jiġu rreġistrati netti minn kull sussidju.

Dawn jinkludu b'mod partikolari kontribuzzjonijiet statutorji għal:

(a) skemi ta' assigurazzjoni għall-pensjoni tal-irtirar, kontra l-mard, għall-maternità, u għad-diżabilità;

(b) skemi ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad;

(c) skemi ta' assigurazzjoni kontra inċidenti u mard fil-post tax-xogħol;

(d) skemi ta' allowances tal-familja.

Dawn jeskludu allowances tal-familja u gratwitajiet oħrajn fi flus iffissati minn ftehimiet kollettivi jew miftehmin b'mod volontarju, li huma rreġistrati bħala kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem (D122).

D1212 *Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kuntrattwali jew volontarji, maqbulin b'mod kollettiv, pagabbli minn min iħaddem*

Dawn huma l-kontribuzzjonijiet kollha mħallsin minn min iħaddem lil istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew lil skemi ta' assigurazzjoni biex ikopru kwalunkwe wieħed mir-riskji u l-ħtiġijiet elenkati taħt D12, li huma supplimentari għal dawk li huma obbligatorji bil-liġi. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata kwalunkwe eżenzjoni mit-taxxa li tista' tkun tapplika.

Dawn il-kontribuzzjonijiet jinkludu b'mod partikolari:

(a) skemi supplementari tal-pensjoni, skemi tal-pensjoni okkupazzjonali (pjanijiet assigurati, fondi taħt amministrazzjoni personali, riżervi għall-kotba jew provvedimenti, kull infiq ieħor maħsub għall-finanzjament ta' skemi supplementari tal-pensjoni);

(b) skemi supplementari tal-assigurazzjoni kontra l-mard;

(c) skemi supplementari tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad.

D122: *Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem*

Il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem huma meħtieġa biex jinkiseb kalkolu komplut tal-kostijiet lavorattivi fiż-żmien meta jsir ix-xogħol. Dawn jirrappreżentaw il-kontroparti tal-benefiċċji soċjali diretti obbligatorji fil-perjodu li matulu jsir ix-xogħol, u l-kontroparti tal-benefiċċji soċjali diretti volontarji fil-mument li jiġu pprovduti dawn il-benefiċċji.

Benefiċċji soċjali mhux iffinanzjati jitħallsu direttament minn min iħaddem lill-impjegati jew eks impjegati tagħhom u lil persuni oħrajn eliġibbli mingħajr l-involviment ta' fond tas-sigurtà soċjali, intrapriża tal-assigurazzjoni jew fond awtonomu għall-pensjonijiet, u mingħajr ma jinħoloq fond speċjali jew riżerva segregata għal dan l-iskop. Minflok, il-benefiċċji jitħallsu mir-riżorsi proprji ta' min iħaddem, li jopera skemi mhux iffinanzjati. Il-fatt li ċerti benefiċċji soċjali jitħallsu direttament minn min iħaddem, u mhux permezz ta' fondi tas-sigurtà soċjali jew assiguraturi oħrajn, bl-ebda mod ma jtellef min-natura tagħhom ta' benefiċċji soċjali. D122 tista' tkun partikolarment relevanti meta min iħaddem ikun produttur mhux tas-suq (settur tal-gvern).

L-ammont ta' D122 huwa determinat b'referenza għall-obbligi futuri ta' min iħaddem li jipprovdi benefiċċji soċjali. Is-sors ideali għall-kalkolu ta' D122 għal min iħaddem li jopera skemi ta' assigurazzjoni soċjali mhux iffinanzjati huma stimi bbażati fuq konsiderazzjonijiet attwarjali. Jekk tali stimi attwarjali ma jkunux disponibbli, jenħtieġ li jiġu applikati metodi oħrajn ta' stima. Ċerti pajjiżi, pereżempju, bħala stima għal D122 jużaw il-benefiċċji soċjali mhux iffinanzjati osservabbli mħallsin, li minnhom inaqqsu l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati.

Il-varjabbli D122 jinkludi, b'mod partikolari, il-kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem għall-pensjonijiet u għall-kura tas-saħħa. Dan jinkludi wkoll ammont tal-istess valur tal-pagi u s-salarji li min iħaddem ikompli jħallas temporanjament fil-każ ta' mard, maternità, korriment industrijali, diżabilità, sensja, eċċ. tal-impjegati tiegħu, jekk dak l-ammont ikun jista' jiġi separat. [ESA 2010, §4.10, il-kodiċi D.122 u §4.12(c) fir-rigward tal-ħin tar-reġistrazzjoni]

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D122

Element	Deskrizzjoni	Diżaggregazzjoni ulterjuri
Pagamenti waqt il-liv tal-maternità	Min iħaddem iħallas lill-impjegat direttament waqt il-liv tal-maternità bħala kumpens għat-telf ta' qligħ.	D1221
Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem għall-pensjonijiet tal-impjegati maċ-ċivil	Min iħaddem ma jagħmilx pagamenti fi skema tal-pensjoni matul l-impjieg tal-persuna. Il-pensjonijiet imbagħad jitħallsu aktar tard mir-riżorsi proprji ta' min iħaddem.	D1222
Pagamenti fi skemi ta' rtirar bikri għall-part-timers	Pagamenti addizzjonali magħmulin minn min iħaddem fi skemi ta' rtirar bikri fuq bażi part-time.	D1222
Kumpensi għas-sensja bbażati fuq ftehim kollettiv	Min iħaddem jgħaddi l-pagamenti direttament lill-impjegati li jitilqu mill-intrapriża.	D1223
Allowances tal-familja ffissati bi ftehimiet kollettivi jew miftehmin b'mod volontarju	Allowances tal-familja u gratwitajiet imħallsin minn min iħaddem lil hinn mir-rekwiżiti statutorji.	D1224
Boroż ta' studju	Min iħaddem iħallas il-kost kollu, jew parti minnu, tat-taħriġ mhux relatat max-xogħol li jsir barra mill-intrapriża.	D1224
Għotja għaż-żwieġ jew għall-ħlas	Pagament mogħti lill-impjegat wara l-avveniment.	D1224
Edukazzjoni għat-tfal b'xejn jew issussidjata	Il-miżati tal-edukazzjoni għat-tfal tal-impjegati jitħallsu b'mod sħiħ jew parzjali.	D1224
Allowance għal xogħol b'ħin imnaqqas	Pagament garantit biex jikkumpensa lill-impjegati kompletament jew parzjalment għal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol normali (il-pagamenti addizzjonali, imħallsin f'kull perjodu tal-ħlas, jappartjenu għal D1111).	D1224

D1221 *Remunerazzjoni garantita f'każ ta' mard (mhux obbligatorju)*

Dan il-varjabbli jkopri s-somom imħallsin direttament minn min iħaddem lill-impjegati biex jibqgħu jieħdu remunerazzjoni f'każ ta' mard, maternità jew inċident okkupazzjonali bħala kumpens għat-telf ta' qligħ, li minnhom jitnaqqsu r-rifużjonijiet imħallsin minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

D1222 *Kontribuzzjonijiet soċjali imputati ta' min iħaddem għall-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa (mhux obbligatorju)*

Dan il-komponent ta' D122 ikopri pagamenti imputati lil skemi ta' pensjoni u kura tas-saħħa mhux iffinanzjati, b'mod partikolari fis-settur tal-gvern. F'ċerti pajjiżi, min iħaddem fis-settur tal-gvern estiż jopera skemi ta' pensjoni mhux iffinanzjati għall-impjegati kollha jew għal gruppi speċifiċi (uffiċjali). F'dawn il-każijiet, min iħaddem ma joħloqx riżervi speċjali u lanqas ma jakkumula assi biex iħallas il-pensjonijiet futuri. Għal dawn l-impjegati, iridu jiġu kkunsidrati pagamenti imputati ta' min iħaddem lil skemi ta' pensjoni u ta' kura tas-saħħa.

D1223 *Pagamenti lill-impjegati li jħallu l-intrapriża (mhux obbligatorju)*

Dan il-komponent jirrappreżenta s-somom imħallsin lil impjegati mkeċċijin (ħlas u kumpens għas-sensja minflok avviż) jekk dawn il-pagamenti jkunu meħtieġa bil-liġi jew marbutin ma' ftehim kollettiv, jew fejn l-eżistenza ta' tali rabta ma tkunx magħrufa. Il-pagamenti magħmulin skont id-diskrezzjoni ta' min iħaddem, jiġifieri li la huma regolati bil-liġi u lanqas marbutin ma' ftehim kollettiv, huma inklużi f'D1112.

Il-pagamenti mogħtijin lill-ħaddiema meta jirtiraw, eż. bħala parti mill-jedd tal-pensjoni tagħhom, jenħtieġ li *ma jkunux* inklużi f'D1223.

D1224 *Kontribuzzjonijiet soċjali imputati oħrajn ta' min iħaddem (mhux obbligatorju)*

Dan il-punt jirreferi għall-kontribuzzjonijiet soċjali imputati l-oħrajn kollha ta' min iħaddem li ma humiex imsemmijin xi mkien ieħor, bħalma huma l-borża ta' studju għall-impjegati u l-familji tagħhom jew remunerazzjoni garantita fil-każ ta' xogħol b'ħinijiet aqsar. Din tal-aħħar hi definita bħala pagamenti diretti mingħand min iħaddem lill-impjegati biex tinżamm ir-remunerazzjoni fil-każ ta' xogħol b'ħinijiet aqsar bit-tnaqqis ta' kwalunkwe rifużjoni mħallsa lil min iħaddem minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

D12A *Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għall-apprendisti*

Dan il-varjabbli huwa t-total tal-kontribuzzjonijiet effettivament imħallsin (D121) u kwalunkwe kontribuzzjoni imputata (D122) għas-sottopopolazzjoni tal-apprendisti. [ESA 2010, §4.09, il-kodiċi D.121, §4.10, il-kodiċi D.122 u §4.12(b, c) fir-rigward tal-ħin tar-reġistrazzjoni]

D2 *Kostijiet tat-taħriġ vokazzjonali mħallsin minn min iħaddem*

Dawn jinkludu n-nefqa fuq servizzi u faċilitajiet ta' taħriġ vokazzjonali (anki dawk għall-apprendisti, kif ukoll trainees u interns mħallsin iżda mhux il-pagi u s-salarji tagħhom); tiswijiet żgħar u manutenzjoni ta' binjiet u installazzjonijiet, esklużi l-kostijiet tal-persunal; infiq fuq il-parteċipazzjoni f'korsijiet; ħlasijiet għall-istrutturi minn barra l-intrapriża; infiq fuq apparat li jiffaċilita t-tagħlim u għodda użata għat-taħriġ; somom imħallsin mill-intrapriża lil għaqdiet tat-taħriġ vokazzjonali, eċċ. Jenħtieġ li jitnaqqsu s-sussidji marbutin mat-taħriġ vokazzjonali. [ESA 2010, Konsum intermedju]

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D2

Element	Deskrizzjoni
Ħlasijiet għal istrutturi minn barra l-intrapriża	Kostijiet relatati ma' taħriġ vokazzjonali għall-impjegati, eż. taħriġ f'għamla ta' seminars organizzati internament (is-sussidji, jekk ikun hemm, jenħtieġ li jitnaqqsu).
Infiq fuq apparat li jiffaċilita t-tagħlim	Kostijiet relatati mat-taħriġ vokazzjonali, eż. f'għamla ta' korsijiet elettroniċi bbażati fuq l-Intranet u żviluppati minn kumpaniji speċjalizzati (is-sussidji, jekk ikun hemm, jenħtieġ li jitnaqqsu).

D3 *Infiq ieħor imħallas minn min iħaddem*

Dan jinkludi b'mod partikolari:

(a) kostijiet tar-reklutaġġ [dawn huma l-ammonti mħallsin lil aġenziji tar-reklutaġġ, infiq fuq avviżi ta' impjiegi fl-istampa, spejjeż tal-ivvjaġġar imħallsin lil dawk li jissejħu għal intervista, allowances tal-installazzjoni mħallsin lil impjegati ġodda, eċċ. iżda dan ma jinkludix kostijiet operazzjonali amministrattivi (spejjeż tal-uffiċċju, pagi tal-impjegati, eċċ.)];

(b) ilbies għax-xogħol ipprovdut minn min iħaddem;

(c) allowances ta' kuljum imħallsin lil impjegati biex ikopru kostijiet sostnuti waqt vjaġġ fuq xogħol (*per diems*) ([7]);

(d) kostijiet tal-impjegati relatati mat-telexogħol (eż. rifużjoni parzjali biss tal-abbonament tal-internet, rifużjoni parzjali tal-kont tat-tisħin jew tal-elettriku) fejn ma jkunux ta' benefiċċju għall-impjegat bħala utent privat. Rifużjoni sħiħa li tibbenefika lill-impjegat bħala utent privat tiġi rreġistrata f'D1145.

[ESA 2010, Konsum intermedju]

Eżempji: Pagamenti li jaqgħu taħt il-varjabbli D3

Element	Deskrizzjoni
Allowance għall-ilbies	Imħallsa f'xogħlijiet fejn ikunu meħtieġa ħwejjeġ speċjali, eż. għall-protezzjoni jew għall-preżentazzjoni u mhux maħsubin għall-użu personali.
Kostijiet tar-reklutaġġ	Kostijiet ta' aġenziji tar-reklutaġġ jew avviżi ta' impjiegi.
Allowance tal-installazzjoni jew tar-rilokazzjoni	Imħallsa meta l-impjegat ikun meħtieġ li jibdel il-post tar-residenza.
Kostijiet b'xejn jew issussidjati b'rabta mat-telexogħol	Abbonament parzjali tal-internet, rifużjoni parzjali tal-kont tat-tisħin jew tal-elettriku.

D4 *Taxxi fuq ix-xogħol imħallsin minn min iħaddem*

Dan il-varjabbli jkopri t-taxxi kollha bbażati fuq il-kont tal-pagi u s-salarji totali, jew fuq l-impjieg. Dawn it-taxxi jitqiesu bħala kostijiet lavorattivi.

Il-varjabbli D4 ikopri wkoll it-taxxi ta' penali li f'ċerti pajjiżi jridu jitħallsu minn min iħaddem talli jħaddem ftit wisq persuni b'diżabilità, u taxxi jew tariffi simili.

Dan ma jinkludix il-kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli minn min iħaddem, l-ammonti miżmumin minn min iħaddem biex jitħallsu l-kontribuzzjonijiet soċjali jew it-taxxi fuq l-introjtu pagabbli mill-impjegat. [ESA 2010: §4.23(c), il-kodiċi D.29]

D5 *Sussidji lavorattivi li jirċievi min iħaddem*

Dawn kollha huma ammonti rċevuti fil-forma ta' sussidji maħsubin għar-rifużjoni parzjali jew totali tal-kost tar-remunerazzjoni diretta, iżda mhux maħsubin sabiex ikopru l-kostijiet tas-sigurtà soċjali jew tat-taħriġ vokazzjonali. Dawn ma jinkludux rifużjonijiet imħallsin lil min iħaddem mill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew minn fondi supplementari tal-assigurazzjoni. Dawn jinkludu s-sussidji lavorattivi li jirrifondu l-ispiża tar-remunerazzjoni ta' apprendisti kif ukoll ta' trainees u interns imħallsin. Is-sussidji lavorattivi li jikkonċernaw l-apprendisti jiġu rreġistrati wkoll, għall-pajjiżi kkonċernati, taħt varjabbli speċifiku (D5A). [ESA 2010, §4.37(a), il-kodiċi D.39]

([7]) Il-*per diems* huma maħsubin biex ikopru l-kostijiet tal-ikel (ikliet), il-biljetti għat-trasport pubbliku fil-post fejn isir il-vjaġġ fuq xogħol (eż. tramm, xarabank, tren, taksi; bl-eċċezzjoni tal-ewwel mezz ta' trasport użat mal-wasla u l-aħħar wieħed użat mar-ritorn lejn il-pajjiż tal-impjieg) iżda mħallsin bħala somma f'daqqa li għandha tintuża fid-diskrezzjoni tal-impjegat. Fil-kontabilità tan-negozju, il-*per diems* jiġu rreġistrati bħala rifużjonijiet ta' spejjeż relatati max-xogħol (bħall-kostijiet tal-ivvjaġġar lejn u mix-xogħol). Fil-kontijiet nazzjonali, huma parti mill-kumpens għall-impjegati. Fl-istatistika dwar il-kostijiet lavorattivi, dawn jenħtieġ li jiġu rreġistrati taħt il-varjabbli D3 "Nefqa oħra mħallsa minn min iħaddem".
- Il-kostijiet tal-ivvjaġġar matul il-vjaġġ fuq xogħol normalment ikunu relatati mal-ispiża għall-biljetti tal-ferrovija/tal-ajruplan/tax-xarabank jew għat-tariffi għall-użu ta' karozza privata għal skopijiet ta' xogħol. Dawn jiġu rimborżati mal-preżentazzjoni tal-fatturi korrispondenti (eż. għall-biljetti tal-ferrovija/tal-ajruplan/tax-xarabank jew għall-ispejjeż tal-fjuwil). Dawn jiġu rreġistrati bħala konsum intermedju fil-kontijiet nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux irreġistrati.
- Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni jkopru l-kostijiet sostnuti mill-impjegati għal soġġorn ta' lejl, pereżempju f'lukandi. Dawn jiġu rimborżati mal-preżentazzjoni ta' dokumenti validi li jagħtu prova li l-impjegat kellu jsostni dawk l-ispejjeż. Dawn jiġu rreġistrati bħala konsum intermedju fil-kontijiet nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux irreġistrati.

D5A *Sussidji lavorattivi rċevuti minn min iħaddem fir-rigward tal-impjieg ta' apprendisti*

Dawn huma s-sussidji rreġistrati taħt l-element D5 li jirrifondu parti mir-remunerazzjoni jew ir-remunerazzjoni kollha mħallsa lil apprendisti.

E. **Unitajiet lokali**

E1 *Numru ta' unitajiet lokali fl-univers*


Dan il-varjabbli jirreġistra n-numru totali ta' unitajiet lokali fil-popolazzjoni kollha ta' intrapriżi residenti.

E2 *Numru ta' unitajiet lokali fis-sett ta' data finali*

Dan il-varjabbli jirreġistra n-numru totali ta' unitajiet lokali li għalihom tinġabar id-data għas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi", jiġifieri wara li jitnaqqas in-nuqqas ta' rispons u jiġu eliminati l-unitajiet lokali li ma jappartjenux għall-popolazzjoni statistika.

Figura 2


Kostijiet lavorattivi u l-komponenti prinċipali tagħhom



* Li minnhom: "Sussidji lavorattivi rċevuti minn min iħaddem fir-rigward tal-impjieg ta' apprendisti" (**D5A**)

Illustrazzjoni 3


Diżaggregazzjoni tal-komponent "Pagi u salarji" (D11)



* Li minnhom: "Pagi u salarji tal-apprendisti" (**D11A**)

Illustrazzjoni 4

Diżaggregazzjoni tal-komponent "Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem" (D12)



* Li minnhom: "Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għall-apprendisti" (**D12A**)

ANNESS II

Miri ta' preċiżjoni

1. L-Istati Membri li jużaw il-metodi tal-kampjunar għandhom jimmiraw li jżommu l-koeffiċjent tal-varjazzjoni taħt il-1 % għall-medja aritmetika tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa kkalkulati għall-impjegati kollha (part-time u full-time) li jaħdmu f'unitajiet lokali residenti ta' intrapriżi residenti li għandhom għaxar impjegati jew aktar u li jappartjenu għat-total tat-taqsimiet kollha tan-NACE fl-ambitu tas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi" kif definit fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2025/941.

2. L-Istati Membri li jużaw il-metodi tal-kampjunar għandhom jimmiraw li jżommu l-koeffiċjent ta' varjazzjoni taħt l-10 % għall-medja aritmetika tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa kkalkulati għall-impjegati kollha (part-time u full-time) li jaħdmu f'unitajiet lokali residenti ta' intrapriżi residenti b'għaxar impjegati jew aktar. Dan ir-rekwiżit japplika għal kull taqsima tan-NACE fl-ambitu tas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi" kif definit fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2025/941. Madankollu, ma japplikax għat-taqsimiet tan-NACE li, fis-sena ta' referenza, jirrappreżentaw anqas minn 1 % tal-kostijiet totali tax-xogħol tat-total tat-taqsimiet kollha tan-NACE fl-ambitu tas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi".

3. Id-data trażmessa skont dan ir-Regolament għandha tiġi mmarkata bħala waħda ta' "affidabbiltà baxxa" jekk il-koeffiċjent tal-varjazzjoni tagħha jkun iżjed minn 25 %.